MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Numru 623/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Ronald Bonsfield**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ronald Bonsfield ta’ 52 sena, bin Carmel u Maria nee’ Said imwieled il-Belt Valletta, fit-3 ta’ Gunju, 1949 u residenti 137, Triq San Pawl, il-Belt Valletta, detentur ta’ karta ta’ identita numru 482949(M) akkuzat talli:

1. fis-27 ta’ Gunju 2001 bejn id-9.00a.m. u s-6.30p.m. gewwa Triq Sant Antnin, il-Belt Valletta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura

Numru EAU 924 tal-marka Peugeot 306, propjeta ta' Lorna Borg mill-Belt Valletta, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Lorna Borg u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. b'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Marzu 1997 (Awla Nru.6).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni ippersista anka wara li nghata zmien jikkonsidra.

Ikkonsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-artikolu 325, 49, 50 tal-Kap. 9, ikkonsidrat l-Artikolu 21 tal-istess Kap. 9, u tikkundannh Lm50 (hamsin lira maltija) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------